SENTENZA TAL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (It-Tielet Awla)

15 ta' Novembru 2012*

"Direttiva 77/388/KEE — VAT — Eżenzjonijiet — Artikolu 13(B)(b) — Kiri u lokazzjoni ta' proprjetà immobbli — Barkun mingħajr mutur propulsiv, sorġut b'mod permanenti tul ix-xatt ta' xmara — Kiri tal-barkun, inklużi l-puntun, l-art u l-medda ta' ilma relatati miegħu — Assenjazzjoni esklużiva għall-użu permanenti ta' restorant/diskoteka — Servizz uniku"

Fil-Kawża C-532/11,

li għandha bħala suġġett talba għal deċiżjoni preliminari skont l-Artikolu 267 TFUE, imressqa mill-Oberlandesgericht Köln (il-Ġermanja), permezz ta' deċiżjoni tat-22 ta' Settembru 2011, li waslet fil-Qorti tal-Ġustizzja fid-19 ta' Ottubru 2011, fil-proċedura

Susanne Leichenich

vs

Ansbert Peffekoven,

Ingo Horeis,

fil-preżenza ta':

Dr. Leyh, Dr. Kossow & Dr. Ott KG, Wirtschaftsprüfungsgesellschaft, Steuerberatungsgesellschaft,

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (It-Tielet Awla),

komposta minn R. Silva de Lapuerta, li qed jaġixxi bħala President tat-Tielet Awla, K. Lenaerts, G. Arestis, J. Malenovský, E. Juhász (Relatur), Imħallfin,

Avukat Ġenerali: J. Mazák,

Reġistratur: A. Impellizzeri, Amministratur,

wara li rat il-proċedura bil-miktub u wara s-seduta tas-6 ta' Settembru 2012,

wara li kkunsidrat l-osservazzjonijiet ippreżentati:

— għal S. Leichenich, minn H. Bister, avukat,

— għal A. Peffekoven u I. Horeis, minn A. Funke u R. Lenzen, avukati,

* Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż.

— għal Dr. Leyh, Dr. Kossow & Dr. Ott KG, Wirtschaftsprüfungsgesellschaft, Steuerberatungsgesellschaft, minn T. Wahlen u S. Schneider, avukati,

— għall-Gvern Ġermaniż, minn T. Henze u K. Petersen, bħala aġenti,

— għall-Kummissjoni Ewropea, minn C. Soulay u B.-R. Killmann, bħala aġenti,

wara li rat id-deċiżjoni, meħuda wara li nstema' l-Avukat Ġenerali, li l-kawża tinqata' mingħajr konklużjonijiet,

tagħti l-preżenti

Sentenza

1 It-talba għal deċiżjoni preliminari tirrigwarda l-interpretazzjoni tal-Artikolu 13(B)(b) tas-Sitt Direttiva tal-Kunsill 77/388/KEE, tas-17 ta' Mejju 1977, fuq l-armonizzazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri dwar taxxi fuq id-dħul mill-bejgħ – Sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud: bażi uniformi ta' stima (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 9, Vol. 1, p. 23, iktar 'il quddiem is-"Sitt Direttiva").

2 Din it-talba tressqet fil-kuntest ta' kawża bejn S. Leichenich, proprjetarja ta' barkun, u A. Peffekoven u I. Horeis, il-konsulenti tat-taxxa tagħha, dwar l-issuġġettar għat-taxxa fuq il-valur miżjud (iktar 'il quddiem il-"VAT") ta' proviżjoni b'kiri ta' dan il-barkun, li huwa immobbilizzat b'mod permanenti tul ix-xatt ta' xmara u li huwa assenjat għall-użu ta' restorant/diskoteka.

Il-kuntest ġuridiku

Id-dritt tal-Unjoni

3 L-Artikolu 2 tas-Sitt Direttiva, li jaqa' taħt it-Titolu II intitolat: "Applikazzjoni", jipprovdi:

"Dawn li ġejjin għandhom ikunu soġġetti għall-[VAT]:

1. il-provvista ta' oġġetti u servizzi magħmula bi ħlas fit-territorju tal-pajjiż minn persuna taxxabbli li taġixxi bħala tali;

[...]"

4 L-Artikolu 13(B), intitolat "Eżenzjonijet oħrajn", ta' din id-Direttiva jipprovdi:

"Mingħajr preġudizzju għal disposizzjonijet oħra tal-Komunità, l-Istati Membri għandhom jeżentaw li ġej taħt il-kondizzjonijiet li huma għandhom jistabilixxu għall-iskopijiet biex jassiguraw l-applikazzjoni korretta u ċara ta' l-eżenzjonijet u tal-prevenzjoni ta' kwalunkwe eżenzjoni possibbli, evitar u abbuż:

[...]

b) il-kiri jew l-aljenazzjoni ta' proprjetà immobbli esklużi:

   1. il-proviżjoni ta' akkomadazzjoni, kif definita fil-liġijiet ta' l-Istati Membri, fis-settur tal-lukandi jew fis-setturi b'funzjoni simili, inklużi l-proviżjoni ta' akkomodazzjoni f'kampijiet tal-vaganzi jew f'siti żviluppati għall-użu bħala siti ta' kkampjar;

   2. l-aljenazzjoni [il-kiri] ta' fondi u sisi [siti] għall-ipparkjar tal-karozzi;

3. l-aljenazzjoni [il-kiri] ta' tagħmir u makkinarju installat permanenti;

4. il-kiri ta' kaxxiforti.

L-Istati Membri jistgħu japplikaw iżjed esklużjonijet għall-applikazzjoni ta' din l-eżenzjoni;

[...]"

5 Il-kontenut tad-dispożizzjoni tas-Sitt Direttiva msemmija iktar 'il fuq, ġie riprodott, prattikament b'mod invarjat, fl-Artikolu 135 tad-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE, tat-28 ta' Novembru 2006, dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud (ĠU L 347, p. 1), li hija r-riformulazzjoni tas-Sitt Direttiva u l-emendi sussegwenti tagħha.

6 L-Artikolu 38 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) Nru 282/2011, tal-15 ta' Marzu 2011, li jistabbilixxi miżuri ta' implimentazzjoni fir-rigward tad-Direttiva 2006/112/KE dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud (ĠU L 77, p. 1), li jaqa' taħt is-subtaqsima 10 ta' dan ir-regolament intitolata "Kiri tal-mezz tat-trasport", jipprovdi:

"1. 'Mezz tat-trasport', kif imsemmi fl-Artikolu 56 u punt (g) tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 59 tad-Direttiva 2006/112/KE għandu jinkludi vetturi, kemm jekk bil-mutur kif ukoll jekk le, u tagħmir ieħor u apparat iddisinjat biex jittrasporta persuni jew oġġetti minn post għal ieħor, li jista' jinġibed, jiġi rmunkat jew imbuttat minn vetturi li huma normalment iddisinjati u jistgħu fil-prattika jintużaw għat-trasport.

[...]

3. Il-vetturi li huma immobbilizzati b'mod permanenti u l-kontejners mhumiex mezzi ta' trasport previsti fil-paragrafu 1."

Id-dritt Ġermaniż

7 L-Artikolu 4 tal-liġi dwar it-taxxa fuq id-dħul mill-bejgħ (Umsatzsteuergesetz) tipprovdi:

"Fost il-proviżjonijiet imsemmija fl-Artikolu 1(1) ta' din il-liġi, huma eżentati:

[...]

12.

a) il-kiri u l-lokazzjoni ta' proprjetà immobbli, tad-drittijiet li għalihom japplikaw id-dispożizzjonijiet tad-dritt ċivili dwar il-proprjetà immobbli, u ta' drittijiet u proprjetà immobbli tal-Istat;

b) it-tqegħid għad-dispożizzjoni ta' proprjetà immobbli u ta' partijiet ta' immobbli intiżi għal okkupazzjoni abbażi ta' kuntratt jew konvenju li jipprovdi t-trasferiment tal-proprjetà;

c) il-ħolqien, it-trasferiment u t-tqegħid għad-dispożizzjoni ta' drittijiet *in rem* għat-tgawdija ta' proprjetà immobbli.

Ma humiex eżentati l-kirjiet ta' partijiet jew ta' kmamar li intraprenditur jirriżerva għall-akkomodazzjoni temporanja ta' barranin, il-kiri ta' spazji għall-ipparkjar ta' vetturi, il-kiri temporanju ta' spazji f'siti ta' kkampjar u l-kiri u l-lokazzjoni ta' makkinarju u installazzjonijiet oħra ta' kull tip li jagħmlu parti minn qasam operattiv, anki jekk fihom innfushom jikkostitwixxu elementi essenzjali ta' immobbli."

8 Fid-dritt Ġermaniż, proprjetà immobbli, indipendentement mill-assenjazzjoni tagħha, hija porzjon ta' art delimitat fi spazju, li tidher fuq reġistru katastali taħt numru partikolari, jew li hija rreġistrata skont il-liġi li tikkonċerna ż-żamma ta' reġistru tal-artijiet jew ta' reġistru pubbliku. Il-kwistjoni dwar jekk bini huwiex element ta' proprjetà immobbli għandha, bħala prinċipju, tiġi evalwata skont il-ġurisprudenza nazzjonali fil-qasam fiskali u fid-dawl tad-dispożizzjonijiet ġenerali tal-liġi ċivili, f'dan il-każ l-Artikolu 94 tal-Kodiċi Ċivili, intitolat "Elementi essenzjali ta' proprjetà immobbli jew bini", li fil-paragrafu 1 tiegħu jipprovdi:

"Huma parti mill-elementi essenzjali ta' proprjetà immobbli l-elementi inkorporati fl-art, b'mod partikolari l-binjiet [...]"

Il-kawża prinċipali u d-domandi preliminari

9 Mill-fajl li tqiegħed għad-dispożizzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja jirriżulta li fl-1999 S. Liechenich ikkonkludiet mal-Istat Ġermaniż, irrappreżentat mill-Awtorità tal-Ilma u Ilmijiet Navigabbli (Wasser und Schifffahrtsverwaltung, iktar 'il quddiem il-"WSV"), ftehim ta' okkupazzjoni dwar porzjon ta' art li jinsab tul ix-xatt tan-naħa tax-xellug tax-xmara Rhin, fil-viċinanzi tal-belt ta' Köln, u dwar medda ta' ilma, jiġifieri porzjon mix-xmara kontigwu mal-art. Skont dan il-ftehim, il-WSV poġġiet dawn il-porzjonijiet għad-dispożizzjoni ta' utenti għall-finijiet ta' użu ta' barkun, flimkien ma' puntun, bħala restorant. Il-barkun inkwistjoni ilu sorġut fl-istess post għal numru ta' snin, qatt ma ġie mċaqlaq u huwa immobbilizzat permezz ta' ħbula, ktajjen u ankri. Huwa mingħajr mutur u sistema ta' propulsjoni. Barra minn hekk, huwa konness man-netwerks tal-ilma u tal-elettriku u għandu indirizz, linja tat-telefon u kollettur tal-ilma tad-dranaġġ.

10 Permezz ta' kuntratt tal-1 ta' Frar 2000, S. Liechenich tat b'kiri l-barkun inkluż il-puntun u l-ispazju relatat miegħu lil kumpannija stabbilita taħt id-dritt ċivili, li użat il-barkun, esklużivament bħala kafe/restorant u iktar tard, bħala diskoteka. Ma nġabret l-ebda VAT fuq l-ammont tal-kera, peress li, fl-opinjoni tal-konsulenti tat-taxxa ta' S. Leichenich, dan kien kiri ta' proprjetà immobbli. Madankollu, matul spezzjoni li saret mill-Finanzamt Köln-Altstadt, awtorità fiskali kompetenti fit-territorju, għas-snin 2000 sa 2003, perijodu li matulu S. Leichenich kienet l-unika proprjetarja tal-beni mikri, din l-awtorità kkunsidrat li l-kiri kien ta' beni mobbli u li għalhekk dan kien suġġett għall-VAT.

11 Għaldaqstant, S. Leichenich fetħet kawża ċivili quddiem il-Landgericht Köln kontra l-konsulenti tat-taxxa tagħha għar-rimbors tal-ammonti mħallsa bħala VAT. Din il-qorti, permezz ta' deċiżjoni tad-9 ta' Diċembru 2010, billi għamlet riferiment għas-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tas-16 ta' Jannar 2002, Maierhofer (C-315/00, Ġabra p. I-563), ikkunsidrat li l-barkun la hija proprjetà immobbli u lanqas element essenzjali ta' tali proprjetà, peress li ma kienx inkorporat mal-art. Fil-fatt, dan seta' jiġi mċaqlaq fi ftit sigħat, anki jekk dan jimplika ċertu preparazzjoni u l-għajnuna ta' persunal speċjalizzat. Konsegwentement, dan huwa beni mobbli li ma jaqax taħt l-eċċezzjoni prevista fl-Artikolu 13(B)(b) tas-Sitt Direttiva.

12 Adita b'appell minn din id-deċiżjoni, l-Oberlandesgericht Köln tosserva li, skont it-termini tal-kuntratt ta' kiri, dan il-kuntratt ma jillimitax ruħu biss għall-kiri tal-barkun u tal-puntun, iżda jinkludi wkoll il-medda ta' ilma u l-art relatata magħha. Għalhekk, l-użu fiss u permanenti tal-barkun u tal-puntun huwa marbut b'mod inseparabbli mal-okkupazzjoni tal-medda tal-ilma u tax-xatt relatat miegħu. Fil-fatt, l-użu fiss ta' barkun jostakola b'mod permanenti kull użu ieħor tal-ilma, inkluż it-trasport pubbliku. Fi kliem ieħor, skont dan il-kuntratt, parti mix-xmara, u għalhekk l-art, kienet mikrija. Għalhekk, il-kiri tal-barkun u tal-puntun relatat miegħu, stipulati fil-kuntratt, neċessarjament jinkludi l-okkupazzjoni u t-tqegħid għad-dispożizzjoni tal-medda tal-ilma u tal-art li kienu ngħataw preċedentement lil S. Leichenich permezz tal-ftehim konkluż mal-WSV.

13 Barra minn dan, il-qorti tar-rinviju tippreċiża li, skont il-kuntratt, il-barkun jista' jintuża biss fil-post speċifikat u ma huwiex intiż li jiċċaqlaq. Barra minn hekk, dan kien jinsab fl-istess post għal ħafna snin. Din il-qorti tosserva wkoll li, peress li l-kuntratt ta' kiri jpoġġi l-art għad-dispożizzjoni tal-kerrejja għall-użu fiss tal-barkun u li dan għandu linja tat-telefon, konnessjonijiet u anki kollettur ta' ilma tad-drenaġġ, jista' jiġi kkunsidrat, abbażi ta' approċċ funzjonali, li l-barkun huwa bini fis-sens tas-Sitt Direttiva, filwaqt li huwa sottintiż li tali bini ma jistax, naturalment, jinhemeż mal-medda ta' ilma bl-istess mod sod bħal fuq l-art ferma.

14 Il-qorti tar-rinviju tistaqsi wkoll jekk għandhiex issir distinzjoni, mill-perspettiva tal-VAT, bejn il-kiri tal-parti tal-proprjetà immobbli assenjata għall-barkun u l-kiri tal-parti assenjata għall-puntun, li, skont it-termini tal-kuntratt, ġiet imqiegħdha għad-dispożizzjoni tal-partijiet ikkonċernati sabiex tintuża bħala rmiġġ għall-bastiment. Hija tistaqsi dwar jekk dan is-servizz tal-aħħar għandux jiġi kkunsidrat bħala aċċessorju fil-kuntest ta' kuntratt uniku, minħabba l-fatt li t-tqegħid għad-dispożizzjoni tal-puntun iservi, totalment jew fil-parti l-kbira, bħala aċċess għall-barkun.

15 Fid-dawl ta' dawn iċ-ċirkustanzi, l-Oberlandesgericht Köln iddeċidiet li tissospendi l-proċeduri quddiemha u li tagħmel is-segwenti domandi preliminari lill-Qorti tal-Ġustizzja:

"1) L-Artikolu 13(B) tas-Sitt Direttiva [...] għandu jiġi interpretat fis-sens li l-kunċett ta' kiri u ta' aljenazzjoni ta' beni immobbli jinkludi l-kiri ta' barkun, inklużi ż-żona u l-puntun relatati miegħu, li huwa esklużivament maħsub għall-użu fiss u permanenti bħala restorant/diskoteka f'post tal-irmiġġ delimitat u identifikabbli? Din l-evalwazzjoni tiddependi fuq il-mod kif il-barkun huwa marbut mal-art jew fuq l-ispejjeż involuti sabiex jitneħħew il-ganċijiet tad-dgħajsa?

2) Fil-każ ta' risposta fl-affermattiv għall-ewwel domanda: l-Artikolu 13(B)(b) tas-Sitt Direttiva [...] għandu jiġi interpretat fis-sens li l-kunċett ta' "karozzi" li, skont is-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Ġustizzja tat-3 ta' Marzu 2005 fil-Kawża C-428/02 [Fonden Marselisborg Lystbådehavn, Ġabra p. I-1527], jinkludi wkoll id-dgħajjes, ma huwiex applikabbli għall-barkun mingħajr mutur propulsiv u li nkera sabiex jintuża esklużivament u b'mod permanenti fil-post inkwistjoni u mhux sabiex jiġi spostat? Il-kiri ta' barkun u ta' puntun, inklużi l-art u l-medda ta' ilma relatati miegħu, jikkostitwixxi servizz uniku eżenti mit-taxxa jew għandu, skont il-każ, isir paragun bejn il-kiri ta' barkun u dak ta' puntun mill-perspettiva tat-taxxa fuq id-dħul mill-bejgħ?"

Fuq l-ewwel domanda u t-tieni parti tat-tieni domanda

16 Permezz tal-ewwel domanda u tat-tieni parti tat-tieni domanda tagħha, li għandhom jiġu kkunsidrati flimkien, il-qorti tar-rinviju essenzjalment tistaqsi jekk l-Artikolu 13(B)(b) tas-Sitt Direttiva għandux jiġi interpretat fis-sens li l-kunċett ta' kiri u lokazzjoni ta' proprjetà immobbli jinkludi l-kiri ta' barkun, inkluż l-ispazju u l-puntun relatati miegħu, li huwa immobbilizzat permezz ta' rbit li ma jitneħħiex faċilment max-xatt u mal-baċin ta' xmara, li jistrieħ f'post tal-irmiġġ delimitat u identifikabbli fuq l-ilma tax-xmara u huwa affettwat esklużivament, skont it-termini tal-kuntratt ta' kiri, għall-użu permanenti ta' restorant/diskoteka fuq dan l-ispazju. Hija tistaqsi wkoll jekk, f'dawn iċ-ċirkustanzi, il-kiri tal-barkun u dak tal-puntun jikkostitwixxix servizz uniku eżentat.

17 F'dan ir-rigward, għandu jiġi preliminarjament osservat li skont ġurisprudenza stabbilita, l-eżenzjonijiet previsti fl-Artikolu 13 tas-Sitt Direttiva jikkostitwixxu kunċetti awtonomi tad-dritt tal-Unjoni u għalhekk, għandhom jingħataw definizzjoni Komunitarja u li l-interpretazzjoni tal-kunċett ta' kiri ta' proprjetà immobbli prevista fl-Artikolu 13(B)(b) tas-Sitt Direttiva ma tistax tkun issuġġetta għall-interpretazzjoni mogħtija fid-dritt ċivili ta' Stat Membru (sentenza Maierhofer, iċċitata iktar 'il fuq, punti 25 u 26, kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).

18 Għandu jitfakkar ukoll li fil-kuntest tat-tqassim tal-ġurisdizzjoni bejn il-qrati tal-Unjoni u l-qrati nazzjonali, hija l-Qorti tal-Ġustizzja li għandha tieħu inkunsiderazzjoni l-kuntest fattwali u legiżlattiv li d-domandi preliminari jagħmlu parti minnu, kif iddefinit fid-deċiżjoni tar-rinviju (sentenza tal-20 ta' Mejju 2010, Harms, C-434/08, Ġabra p. I-4431, punt 33).

19 Skont il-konstatazzjonijiet fattwali tal-qorti tar-rinviju fil-kawża preżenti, il-kuntratt ta' kiri ma huwiex limitat għall-kiri tal-barkun u tal-puntun, iżda jinkludi wkoll il-medda ta' ilma u l-art relatata magħhom peress li l-użu tal-barkun u tal-puntun huwa inseparabbli mill-okkupazzjoni ta' dawn l-elementi l-oħra. Barra minn hekk, il-kiri huwa esklużivament intiż għall-iskop ta' użu tal-barkun, flimkien mal-puntun, bħala restorant/diskoteka.

20 B'riżultat ta' dawn il-konstatazzjonijiet tal-qorti tar-rinviju, is-sitwazzjoni tal-barkun ma għandhiex tiġi kkunsidrata b'mod iżolat, iżda billi tittieħed inkunsiderazzjoni l-integrazzjoni ta' dan tal-aħħar fl-ispażju tiegħu.

21 Fid-dawl ta' dawn il-punti ta' fatt, għandu jiġi kkonstatat li l-parti li toħroġ mill-art li, fil-kawża prinċipali, tikkorrispondi għall-art relatata mal-ispazju tal-barkun fuq l-ilma, hija proprjetà immobbli. Bl-istess mod, hija wkoll proprjetà immobbli l-parti mgħarrqa u delimitata tal-baċin tax-xmara, li hija koperta bl-ilmijiet tax-xmara li fuqhom jistrieh il-barkun (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi Fonden Marselisborg Lystbådehavn, iċċitati iktar 'il fuq, punt 34, u tas-6 ta' Diċembru 2007, Walderdorff, C-451/06, Ġabra p. I-10637, punt 19). Il-qorti tar-rinviju tosserva li l-użu tal-barkun jimpedixxi b'mod permanenti kull użu ieħor tal-ilma kopert minnu.

22 Il-barkun, il-parti li toħroġ mill-art u l-parti mgħarrqa tal-baċin tax-xmara jikkostitwixxu ħaġa waħda li hija s-suġġett prinċipali tal-kuntratt ta' kiri.

23 Mid-deċiżjoni tar-rinviju jirriżulta li l-barkun, nieqes minn sistema ta' propulsjoni, ilu immobbilizzat fuq din il-parti tal-ilma tax-xmara għal numru ta' snin. Huwa mqabbad mal-parti delimitata tal-baċin tax-xmara permezz ta' ankri u huwa marbut max-xatt permezz ta' ktajjen u ċimi. Dawn il-mezzi għall-immobbilizzar tal-barkun ma jistgħux jitneħħew faċilment, jiġifieri mingħajr sforz u mingħajr spejjeż sinjifikattivi. Skont il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, ma huwiex meħtieġ li bini jkun inseparabbilment inkorporat mal-art sabiex jiġi kkunsidrat bħala immobbli għall-finijiet tal-applikazzjoni tar-regoli li jikkonċernaw il-VAT (sentenza Maierhofer, iċċitata iktar 'il fuq, punt 33).

24 Skont it-termini tal-kuntratt ta' kiri li huwa konkluż għal perijodu ta' ħames snin u li ma juri ebda intenzjoni tal-partijiet li jikklassifikaw l-użu magħmul mill-barkun bħala wieħed ta' natura okkażjonali jew temporanja, dan tal-aħħar huwa esklużivament assenjat għall-użu permanenti ta' restorant/diskoteka. Barra minn hekk, il-barkun għandu indirizz postali, linja tat-telefon u huwa konness man-netwerks tal-provvista tal-ilma u tal-elettriku.

25 Fid-dawl tal-konnessjoni eżistenti bejn il-barkun u l-elementi li jiffurmaw l-irmiġġ tiegħu u tal-fatt li huwa marbut ma' dawn l-elementi li jiżguraw li, fil-prattika, il-barkun jikkostitwixxi parti minn dan l-ispazju ikkunsidrat flimkien, barra min hekk fid-dawl, b'mod partikolari, tal-kuntratt li jassenja esklużivament u b'mod permanenti il-barkun sabiex jintuża, f'dan il-post, bħala restorant/diskoteka, u fid-dawl tal-fatt li dan huwa mqabbad ma' diversi netwerks, għandu jiġi kkunsidrat li l-ħaġa waħda komposta mill-barkun u mill-elementi li jiffurmaw l-ispazju fejn dan huwa sorġut hija proprjetà immobbli għall-finijiet tal-applikazzjoni tal-eżenzjoni prevista fl-Artikolu 13(B)(b) tas-Sitt Direttiva.

26 Il-Kummissjoni Ewropea ġustament tosserva li, fid-dawl tal-għan intiż mill-partijiet kontraenti u tal-funzjoni li dawn jirriżervaw għall-barkun, għal dawn il-partijiet ma tagħmel ebda differenza, mill-perspettiva ekonomika, jekk dan huwiex bini inkorporat fl-art b'mod fiss, pereżempju, bl-użu ta' lasti jew b'sempliċi barkun bħal dak inkwistjoni fil-kawża prinċipali.

27 Ma jistax jintlaqa' l-argument tal-Gvern Ġermaniż li jgħid li s-suġġett prinċipali tal-kuntratt huwa l-kiri tal-barkun indipendentement mill-ispazju li miegħu huwa sorġut, peress li għall-finijiet li tiġi ggarantita l-profittabbiltà ta' restorant, l-ispazju għandu importanza konsiderevoli. Fil-kawża prinċipali, il-kuntratt ta' kiri u l-ammont tal-kirja ġew miftiehma skont l-irmiġġ tal-barkun, li b'mod partikolari, jinsab fil-viċinanza ta' żona urbana kbira u jippermetti aċċess faċli għall-barkun/restorant.

28 Huwa wkoll importanti li jiġi enfasizzat li, skont id-deċiżjoni tar-rinviju, it-tqegħid għad-dispożizzjoni tal-puntun essenzjalment jippermetti l-aċċess għall-barkun. Għalhekk jidher li l-barkun flimkien mal-elementi li jikkostitwixxu l-irmiġġ tiegħu, jiġifieri l-parti tal-art emerġenti u dik mgħarrqa, il-medda tal-ilma kif ukoll il-puntun relatati miegħu, jikkostitwixxi unità funzjonali u ekonomika waħda, u li l-kuntratt ta' kiri li jkopri dawn l-elementi kollha, jifforma servizz uniku, li fil-kuntest tiegħu il-kiri tal-puntun għandu karattru aċċessorju inċidentali għal dak tal-barkun. Għalhekk, il-kiri ta' dan il-puntun ma għandux ikun ikkunsidrat bħala servizz distint mill-perspettiva tal-VAT.

29 Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, hemm lok li r-risposta għall-ewwel domanda u għat-tieni parti tat-tieni domanda tkun li l-Artikolu 13(B)(b) tas-Sitt Direttiva għandu jiġi interpretat fis-sens li l-kunċett ta' kiri u lokazzjoni ta' proprjetà immobbli jinkludi l-kiri ta' barkun, inkluż l-ispazju u l-puntun relatati miegħu, li huwa immobbilizzat permezz ta' rbit li ma jitneħħiex faċilment max-xatt u mal-baċin tax-xmara, li jistrieħ fuq spazju delimitat u identifikabbli tal-ilmijiet tax-xmara u huwa esklużivament assenjat, skont it-termini tal-kuntratt ta' kiri, sabiex jintuża b'mod permanenti bħala restorant/diskoteka fuq dan l-ispazju. Dan il-kiri jikkostitwixxi servizz uniku eżentat, mingħajr il-ħtieġa li ssir distinzjoni bejn il-kiri tal-barkun u dak tal-puntun.

Fuq l-ewwel parti tat-tieni domanda

30 Permezz tal-ewwel parti ta' din id-domanda, il-qorti tar-rinviju essenzjalment tistaqsi jekk barkun, bħal dak inkwistjoni fil-kawża prinċipali huwiex "karozzi [vettura]" għall-finijiet tal-applikazzjoni tal-eċċezzjoni prevista fl-Artikolu 13(B)(b)(2) tas-Sitt Direttiva.

31 Skont il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, it-terminu "karozzi [vettura]" użat fl-imsemmija Direttiva għandu jiġi interpretat li jkopri "kull mezz ta' trasport", inkluż dgħajjes (ara s-sentenza Fonden Marselisborg Lystbådehavn, iċċitata iktar 'il fuq, punt 44). Skont it-tifsira komuni ta' dawn it-termini, dawn huma mezzi użati sabiex jittrasportaw persuni jew merkanzija, jiġifieri mezzi użati speċifikament għal din il-funzjoni.

32 Dan l-approċċ għall-kunċett ta' vettura, ibbażat fuq il-funzjoni u l-użu konkret ta' beni kkunsidrati, huwa kkonfermat mill-Artikolu 38(1) u (3) tar-Regolament Nru 282/2011, li jenfasizza speċifikatament, għall-klassifikazzjoni ta' vettura bħala "mezz ta' trasport", fuq il-fatt li hija intiża għat-trasport ta' persuni jew merkanzija, u jeskludi minn din il-klassifikazzjoni, il-vetturi li huma immobbilizzati b'mod permanenti. Dan ir-Regolament li ma huwiex applikabbli *ratione temporis* għall-kawża prinċipali, madanakollu jespliċita u jiċċara l-kunċetti li jidhru fil-leġiżlazzjoni fil-qasam tal-VAT u applikabbli wara l-introduzzjoni ta' din tal-aħħar.

33 Konsegwentement, hija l-funzjoni konkreta u attwali ta' beni li hija rilevanti u mhux l-assenjazzjoni inizjali tiegħu. L-assenjazzjoni inizjali ta' beni ma tistax, fil-fatt, tiżgura definittivament lil dan tal-aħħar, ċertu trattament fid-dawl tar-regoli fil-qasam tal-VAT, minkejja l-modifika tal-użu reali li jsir minn dan il-beni.

34 Issa, kif jirriżulta mill-proċess li tqiegħed għad-dispożizzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja, il-barkun inkwistjoni fil-kawża prinċipali, li inizjalment kien probabbilment intiż għall-użu bħala mezz ta' trasport, ma ntużax għal dan l-iskop għal dawn l-aħħar tletin sena u matul dan il-perijodu, kien immobbilizzat b'mod permanenti tul ix-xatt tax-xellug tax-xmara Rhin. Barra minn hekk, skont

it-termini tal-kuntratt ta' kiri, il-partijiet kontraenti ma esprimew l-ebda intenzjoni li jużaw dan il-barkun bħala mezz ta' trasport matul il-perijodu tal-kuntratt u ddedikawh għal funzjoni differenti ħafna. Għalhekk, dan il-barkun ma jistax jitqies bħala vettura fid-dawl tar-regoli tal-VAT.

35 Ma jistax jintlaqa' l-argument tal-Gvern Ġermaniż li jgħid li l-funzjoni tal-barkun/restorant inkwistjoni fil-kawża prinċipali huwa paragunabbli għal dak ta' bastiment/restorant li twettaq vjaġġi qosra fuq ilmijiet navigabbli, bħar-Rhin jew il-Moselle, u li huwa ċertament mezz ta' trasport. Fil-fatt, ħaġa waħda, bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, komposta minn barkun kif ukoll mill-ispazju u mill-puntun relatati miegħu, hija proprjetà immobbli intiża esklużivament sabiex tipprovdi servizzi ta' catering u divertiment f'kuntest partikolari filwaqt li l-bastimenti/restoranti li jagħmlu kruċieri fuq ilmijiet navigabbli huma vetturi li jipprovdu kemm servizzi ta' catering kif ukoll servizzi turistiċi. Konsegwentement, is-sitwazzjoni ta' dawn tal-aħħar ma tistax tiġi pparagunata ma' dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali.

36 Kif il-Kummissjoni ġustament tosserva, fid-dawl tal-prinċipju ta' newtralità fiskali, il-funzjoni tal-barkun inkwistjoni fil-kawża prinċipali hija paragunabbli għal dik ta' immobbli użat bħala restorant li jkun installat fil-viċinanza ta' dan tal-aħħar, fuq art ferma. Għalhekk, ir-restorant/diskoteka li jopera fuq dan il-barkun jinsab f'kompetizzjoni, fuq livell ekonomiku, ma' stabbilimenti analogi li jinsabu f'binjiet inkorporati fuq l-art.

37 Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, ir-risposta għall-ewwel parti tat-tieni domanda għandha tkun li barkun bħal dak inkwistjoni fil-kawża prinċipali ma huwiex vettura fis-sens tal-Artikolu 13(B)(b)(2) tas-Sitt Direttiva.

Fuq l-ispejjeż

38 Peress li l-proċedura għandha, fir-rigward tal-partijiet fil-kawża prinċipali, in-natura ta' kwistjoni mqajma quddiem il-qorti tar-rinviju, hija din il-qorti li tiddeċiedi fuq l-ispejjeż. L-ispejjeż sostnuti għas-sottomissjoni tal-osservazzjonijiet lill-Qorti tal-Ġustizzja, barra dawk tal-imsemmija partijiet, ma jistgħux jitħallsu lura.

Għal dawn il-motivi, Il-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tielet Awla) taqta' u tiddeċiedi:

1) **L-Artikolu 13(B)(b) tas-Sitt Direttiva tal-Kunsill 77/388/KEE, tas-17 ta' Mejju 1977, fuq l-armonizzazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri dwar taxxi fuq id-dħul mill-bejgħ – Sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud: bażi uniformi ta' stima, għandu jiġi interpretat fis-sens li l-kunċett ta' kiri u lokazzjoni ta' proprjetà immobbli jinkludix il-kiri ta' barkun, inkluż l-ispazju u l-puntun relatati miegħu, li huwa immobbilizzat permezz ta' rbit li ma jitneħħiex faċilment max-xatt u mal-baċin tax-xmara, li jistrieħ fuq spazju delimitat u identifikabbli fuq l-ilma tax-xmara u huwa esklużivament assenjat, skont it-termini tal-kuntratt ta' kiri, sabiex jintuża b'mod permanenti bħala ta' restorant/diskoteka fuq dan l-ispazju. Dan il-kiri jikkostitwixxi servizz uniku eżentat, mingħajr il-ħtieġa li ssir distinzjoni bejn il-kiri tal-barkun u dak tal-puntun.**

2) **Barkun bħal dan ma huwiex vettura fis-sens tal-Artikolu 13(B)(b)(2) tas-Sitt Direttiva 77/388.**

Firem